# Xi żmien kien dak!

Xi żmien kien dak meta fiċ-ċokon tagħna
bdejna nċaqalqu r-riġel fil-mogħdija
ta' ħajja mżewqa kollha ward fi ħdanha
quddiem żerniq ta' sema bl-isbaħ dija·...

Meta bħal omm b'idejha t-tnejn tilqagħna
ħassejna d-dinja u fraħna b'kulma fiha;
quddiemna rajna biss uċuh daħkana,
bla xejn ma nafu xinhu ħsieb, tbatija;

u meta bkejna għaliex tintemm ġo fina
ma ħassejniex hekk dlonk xi xewqa żgħira,
u ma' ġenb rasna sibna l-id ħanina

timsħilna d-dmugħ u bil-bewsiet fuq fommna
nisimgħu min iwegħ'dna ħaġa kbira
li bil-ħsieb tagħha rqadna f'ħoġor ommna!...

Xi żmien kien dak fejn l-ieħor li għaddejna
f'ġenn ta' żgħożija meta fil-belliegħa
ta' mitt xewqa bil-ħsieb mitluf trabbejna
b'tama ta' rebħ—tal-ħajja l-isbaħ siegħa!

Xi żmien kien dak fejn dak li fih tgħabbejna
bi ħsieb qalil li l-weraq tar-rebbiegħa
waqqa' mill-moħħ, imbagħ'd quddiem għajnejna
tal-bluha ħalla biss l-imsejkna xbieha!

"O dak kien l-isbaħ żmien u nibkuh għadna,"
tisma' min jgħidlek, u min jaf b'dil-karba
lejn dak iż-żmien il-ħsieb, min jaf, kemm ħadna!

U biex teħfief il-qalb minn xi tagħbija
ta' dwejjaq u ta' mrar, O kemm-il-darba
xtaqnieh iż-żmien li fih konna tarbija!

Iżda ma nafx l-għaliex nibkuh u tiegħu
il-jiem nixtiequ nerġgħu ngħixu fihom:
iż-żmien li fih kien kollox ħolm u miegħu
malli x-xewqat jitwieldu l-qalb tinsiehom;

u xejn ma taħseb, xejn ma tbati bihom,
u xejn ma tħoss il-qalb, u 'l ħabib tbiegħu
kull ħin, u l-waqgħat tagħha le tibkihom,
u ġewwa fiha l-ġieħ ma jarfax driegħu!

Aħjar mitt darba tbati, tħoss il-kedda
ta' xogħol il-moħħ u r-ruħ, u tgħix fi ġlieda
inti u taqsam tal-ħajja l-isbaħ medda;

aħjar mitt darba tibki u ssaffi qalbek
u tarfa' rasek: fuq is-swar ix-xhieda
tagħti ta' ruħ qalbiena lil min sallbek!

8—9—1937

A. Cremona.